MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 216/2007

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louise Tufigno nominati kuraturi deputati b' digriet moghti fl-1 ta' Gunju 2007 sabiex jidhru ghall-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur li permezz tieghu huwa ppremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku, fid-29 ta' April 2003, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi l-konvenuta hi ta’ nazzjonalita Tunesina u dahqet bl-attur kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

3. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

4. Illi l-kunsens tal-kovenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

7. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attur umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fid-29 ta’ April 2003, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi l-esponenti m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenuta.

2. Illi ghal dan l-iskop l-esponenti kitbu lill-avukat tal-attur sabiex jinghataw kwalunkwe informazzjoni li hi u/jew l-attur ghandhom dwar l-indirizz tal-assenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat fid-29 ta’ April 2003 mal-konvenuta assenti huwa null fil-ligi, stante li li kunsens matrimonjali ta’ l-istess konvenuta kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fid-29 ta’ April 2003 meta allura l-attur, cittadin malti kellu 27 sena, u l-konvenuta, cittadina tunezina, kellha 24 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin sitt [6] xhur. Wara konvivenza matrimonjali ta’ tmientax [18]-il-xahar, il-konvenuta telqet lura lejn pajjizha u abbandunat lill-attur u qatghet kull kuntatt mieghu. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attur fl-affidavit u fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, spjega ulterjorment, illi wara biss xaharjen li hu kien iltaqa’ mal-konvenuta go bar f’ Bugibba, dina “riedet li nizzewwgu”. Huwa jghid li kien konxju tal-fatt li hi kellha problema “biex toqghod Malta, ghalhekk kienet tghidli li kienet tmur u tigi lura Malta kull darba.” L-attur jghid ukoll li, nonostante li huwa kien konxju tal-fatt li ma kienx ghadda zmien bizzejjed fir-relazzjoni taghhom biex isiru jafu lil xulxin, huwa accetta “ghax gennitni hi ghax jien hsibt li kienet thobbni.”

Konsegwentement il-partijiet izzewwgu fi zmien sitt xhur. Rigward ir-relazzjoni ntima ta' bejniethom l-attur jghid li martu "lili hi ma kienitx tfittxni. Kont naraha bierda mieghi, u ma jafx ghalfejn. Meta kont insaqsiha ghalfejn, hi kienet tghidli li kien ikollha d-dwejjaq."

Wara konvivenza matrimonjali ta' sena u nofs, l-assenti talbitu flus ghall-passagg ghal Tunez peress li xtaqet tmur tara lil missierha hemmhekk li skond hi kien ma jiflahx hafna. L-attur jghid li huwa ma kellux opposizzjoni li l-konvenut, allura martu, tmur tara lil missierha; u ghalhekk accetta u ghal dan l-iskop taha s-somma ta' Lm400 li nofsha huwa kien issellef minghand huh.

Hija qatt ma regghet irritornat Malta; u minn dak in-nhar l' hawn, l-attur, nonostante tentattivi minn naha tieghu, ma rnexxielu qatt jikkomunika maghha. Jghid: "Tatni numru ta' mobile u cempilt kemm-il darba izda qatt ma hadem. Kont anke mort inhabbat il-bieb fejn konna noqghodu [ma' oht l-assenti] izda ma kont sibt lil hadd."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa fil-konfront tal-konvenuta assenti l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Mill-provi jirrizulta car li l-assenti riedet tizzewweg lill-attur, fi <u>zmien xaharjen</u> li kienu ilhom jafu lil xulxin, <u>unikament</u> sabiex f' dak iz-zmien issolvi l-problema tal-visa taghha f' Malta. Dan kien l-uniku skop ta' dan iz-zwieg minn naha taghha; u kif jirrizulta mill-provi, l-assenti ma kellhiex l-intenzjoni li tghix fuq bazi permanenti l-hajja konjugali ma' l-attur. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li wara z-zwieg hija kienet tkun imdejjqa u ma kienitx tfittex lill-attur ghall-att konjgali; u inoltre jsib konfort fil-fatt li meta hi zzewwget lill-attur hi ma kienitx thobbu.

Meta l-assenti ma felhitx izjed tghix <u>fiz-zwieg ta' konvenjenza</u> ma' l-attur li fil-konfront tieghu ma kellhiex affezzjoni, hija abbandunat id-dar konjugali wara konvivenza qasira; u di piu' kellha l-wicc tost ukoll li

tislohlu s-somma ta’ Lm400 proprju biex hi tkun tista’ titlaq lill-istess attur u tmur lejn pajjizha ghal dejjem !

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u z-zwieg bejn il-partijiet huwa null fil-ligi stante il-vizzju tal-kunsens matrimonjali da parti ta’ l-assenti fit-termini tal-paragrafu [f] Art.19[1] tal-Kap.255

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta’ Arpil 2003. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta assenti; izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------